# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 21**

**Avviz numru 850/01/SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Glen u Claudia mizzewgin Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghhu s-socjeta' attrici sehjet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u tmienja u erbghin liri Maltin (LM2,548.00,0) import ta' sitta u ghoxrin (26) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited gia' Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited**

**u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fl-10 ta' Awissu, 1999, 10 ta' Settembru, 1999, 10 ta' Ottubru 1999, 10 ta' Novembru 1999, 10 ta' Dicembru 1999, 10 ta' Jannar 2000, 10 ta' Frar 2000, 10 ta' Marzu 2000, 10 t'April 2000, 10 ta' Mejju 2000, 10 ta' Gunju 2000, 10 ta' Lulju 2000, 10 t'Awissu 2000, 10 ta' Settembru 2000, 10 ta' Ottubru 2000, 10 ta' Novembru 2000, 10 ta' Dicembru 2000, 10 ta' Jannar 2001, 10 ta' Frar 2001, 10 ta' Marzu 2001, 10 t'April 2001, 10 ta' Mejju 2001, 10 ta' Gunju 2001, 10 ta' Lulju 2001, 10 t'Awissu 2001 u 10 ta' Settembru 2001 rispettivament (Dok. A1 sa Dok. A 26") flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001 (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Glen Borg datata t-30 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha eceppixxa s-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament jigi eccepit li ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' JF Motors Ltd li hija wkoll firmatarja tal-kambjali mertu ta' din il-kawza;**

2. **Illi bla pregudizzju ghal dan, l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li l-kambjali mertu ta' din il-kawza m'ghandhomx, jew m'ghadx ghandhom validita' legali;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-dikjarazzjoni datata t-12 ta' Frar tas-sena 2002 rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari stante in-natura tal-azzjoni odjerna;**

**Tirrileva li l-konvenuta Claudia Borg baqghet kontumaci;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici datata l-14 ta' Mejju ta-sena 2002;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-kambjali meritu ta' din il-procedura gew iffirmati mill-konvenuti;**

2. **Illi huwa facifiku li l-kambjali meritu ta' din il-procedura ghadhom ma thallsux, (ara fol 41);**

**Ghaldaqstant din il-Qorti, tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi t-talba tal-konvenut tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti Glen u Claudia Borg biex ihallsu l-ammont ta' elfejn, hames mija u tmienja u erbghin Lira Maltin, (LM2,548.00,0), import ta' sitta u ghoxrin (26) kambjala skaduti u mhux imhallsa, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mit-8 ta' Frar tas-sena 2001, data ta' l-ittra ufficcjali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**